**PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 4 ta' Gunju, 2001 fid-9.00 a.m.**

**Citaz. Nru: 1417/95 VDG**

**Josephine sive Joyce Saliba**
**f'isimha u bhala kuratrici *ad litem***
**ta' binha minuri Stefan u dan**
**b'digriet tat-3 ta' Jannar, 1996**

**v.**

**Anthony Saliba**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata mill-attrici fl-10 ta' Ottubru, 1995 li permezz taghha, wara li ppremettiet:

illi hija u l-konvenut huma mizzewgin u ghandhom zewgt itfal, illi wiehed minnhom, Stefan, ghadu minuri;

illi l-konvenut irrenda ruhhu hati ta' minacci, theddid, sevizzji, ingurji gravi u adulterju lejha, cioe` lejn l-istess attrici;

illi hija kisbet minghad is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili l-awtorizzazzjoni biex tistitwixxi dina l-kawza;

premess dan, l-attrici talbet lill-konvenut jghid ghala din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tippronunzja s-separazzjoni "a thoro et mensa" bejn il-kontendenti;

2. tassenja l-kura u l-kustodja tal-imsemmi minuri f'idejn l-attrici;

3. tikkundanna lill-kunvenut ihallasha dik ir-rata ta' alimenti li jidhrilha xieraq, ghall-attrici u l-istess tifel;

4. tillikwida u taqsam il-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, wara li l-attrici tippreleva l-kontribuzzjonijiet taghha ghall-istess, u tinnomina Nutar biex jippubblika l-att relattiv, kuraturi ghall-eventwali kontumaci, u tiffissa jum, hin u lok ghall-pubblikazzjoni ta' l-istess;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, minnu ppresentata fis-6 ta' Frar, 1996, li permezz taghha huwa eccepixxa:

"1. Illi l-eccipjent jaqbel li ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni bejn il-kontendenti, mhux ghar-ragunijiet indikati mill-attrici, liema ragunijiet huwa jichad kategorikament, izda minhabba inkompatibbilita` ta' karattru bejn il-partijiet;
"2. Illi l-eccipjent jaqbel mat-tieni domanda ta' l-attrici, b'dana illi l-eccipjent ghandu jkollu access ghall-istess ibnu, liema iben illum ghandu 'l fuq minn sittax-il sena;
"3. Illi l-eccipjent m'ghandux ihallas ebda retta alimentari lill-istess attrici, minhabba li din hija regolarment impjegata; illi fl-konfront ta' l-alimenti pagabbli ghat-tifel l-esponent jeccepixxi li dawn ghandhom [1] jigu sopportati b'mod ugwali mill-kontendenti, [2] l-eccipjent ma jkunx dovut illi jivversa sehemu mill-istess alimenti kemm-il darba it-tifel minuri li llum ghandu 'l fuq minn sittax-il sena, jibqa' jirrifjuta li jara u jkellem lil missieru u jirreferi ghalih b'mod l-aktar dispreggjattiv;
"4. Illi l-eccipjent jaqbel li jigu likwidati u divizi l-beni tal-komunjoni tal-akkwisti; l-eccipjent jindika lil din l-Onorabbli Qorti illi anke fuq dan il-punt kien hemm qbil sostanzjali in principju bejn il-partijiet, izda inqalghet bejn il-kontendenti problema rigward prelevamenti (f'ammont esagerat) li l-attrici tippretendi li ghandhom isiru favur il-komunjoni ta' l-akkwisti, ghal benefikati maghmula matul iz-zwieg, fi proprjeta` li ma tappartjenix lill-istess komunjoni, pero` li minnha l-eccipjent ghandu sehem indiviz;
"Salvi eccezzjonijiet ohra.";

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fid-diversi udjenzi; rat in partikolari n-nota konguntiva tal-partijiet tat-22 ta' Mejju, 1996, in-nota konguntiva tal-4 ta' Mejju, 2001, kif ukoll il-verbal ta' l-udjenza tat-28 ta' Mejju, 2001;

Ikkunsidrat:

Din il-kawza hadet daqshekk fit-tul mhux minhabba xi diffikulta` biex tigi ppronunzjata s-separazzjoni – fin-nota taghhom tat-22 ta' Mejju, 1996, appena memmija, il-partijiet kienu qablu dwar il-

pronunzjament tas-separazzjoni u dwar diversi affarijiet ohra – izda minhabba problemi u nuqqas ta' qbil fir-rigward tal-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti u tal-beni parafernali, u tal-likwidazzjoni u divizjoni tal-imsemmija komunjoni. Kien ghalhekk li ga fis-16 ta' Settembru, 1996 din il-Qorti nnominat lill-Avukat Dott. Philip Sciberras bhala perit biex jistabilixxi l-konsistenza tal-assi u jhejji pjan ta' divizjoni. Ghalkemm sal-lum l-imsemmi perit ghadu ma ppresentax ir-rapport tieghu, il-partijiet, permezz tan-nota konguntiva taghhom tal-4 ta' Mejju, 2001, iddikjaraw illi huma issa llikwidaw u qasmu l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom a sodisfazzjon shih ta' kull wiehed minnhom, u li ghalhekk ma kien ghad fadal ebda punt ta' kontestazzjoni bejniethom. F'din in-nota talbu wkoll li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni legali a bazi tan-nota konguntiva taghhom tat-22 ta' Mejju, 1996. Inoltre, fil-verbal tal-udjenza tat-28 ta' Mejju, 2001 id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li t-tifel Stefan illum maggorenni u ghalhekk ma hemmx lok ta' pronunzjament dwar il-kura u l-kutodja tieghu, u li l-partijiet kienu jaqblu li l-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati bin-nofs bejniethom. Ghal kull buon fini l-Qorti tirrileva li, kif jirrisulta mic-certifikat taz-zwieg a fol. 10 tal-process, il-partijiet izzewgu fl-14 ta' Ottubru, 1973.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tiddeciedi billi:

1. tilqa' l-ewwel talba attrici, u konsegwentement tippronunzja l-firda personali bejn il-kontendenti fis-sens tal-Artikolu 35[1] tal-Kodici Civili, u dan minhabba li l-hajja flimkien m'ghadhiex possibbli ghax iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment;

2. tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u tat-tielet talba attrici u dan fid-dawl ta' dak li ddikjaraw li qed qablu bejniethom il-partijiet fin-nota tat-22 ta' Mejju, 1996 kif ukoll fid-dawl tal-verbal tat-28 ta' Mejju, 2001;

3. tipprovdi dwar ir-raba' talba attrici limitatament billi, fit-termini ta' l-Artikolu 55[1] tal-Kodici Civili, tordna li l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendinti tispicca mill-jum li fih din is-sentenza tkun finali u konkluziva; u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-bqija ta' din ir-raba' talba fid-dawl ta' dak li ddikjaraw il-partijiet fin-nota taghhom tal-4 ta' Mejju, 2001.

L-ispejjez kollha ta' din il-kawza, inkluz il-hlas talvolta dovut lill-perit Dott. Philip Sciberras, ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

VINCENT DEGAETANO
IMHALLEF